# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 17 TA' MEJJU 2002**

**Avviz Nru 587/00DM**

**Mark Micallef**

**Vs**

**Adrian Montanaro u Chas Auto Limited**

## Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas ta' somma ta' seba mija u erbgha u hamsin centezmu (Lm700.54) rapprezentanti spejjez ghal tiswijiet fuq vetturi li meta kienet fil-pussess tal-intimati gew ikkagunati l-hsarat.

Bl-ispejjez u bl-imghax inkluz dik tal-ittra ufficjali datata 21/3/00 kontra l-konenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta Chas Auto Limited fejn eccepiet illi:

1 Is-socejta eccipjenti mhix responsabbli ghall-hsarat allegatament sofferti

2 Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tal-14 ta' Marzu 2001 fejn gie nominat Joseph Zammit bhala espert tekniku

Rat ir-relazzjoni tal-espert tekniku pprezentata fis-7 ta' Lulju 2001.

Semghet ix-xhieda bil-gurament:

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat-

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-vertenza huma is-segwenti:

Mark Pirotta proprjetarju ta' vettura tal-marka Alfa Romeo mudell 156 kien irrikorra ghand l-attur Mark Micallef ta' Mark Micallef Enterprises sabiex jghamel xi modifiki fil-magna tal-istess vettura. Biex l-attur Mark Micallef setgha jghamel il-modifiki rekjesti huwa kellu bilfors

jghamel uzu minn 'Road Drive Simulator' ossia dynomiter illi ppruvdewh il-konvenuti Chas Auto Limited.

Ghalhekk fil-gurnata miftehma l-attur ma sid il-vettura kienu accedew fil-vettura ghand il-konvenut Chas Auto Limited fejn hemmhekk tpogga ghad-dispozzizzjni taghhom ir-'Road Drive Simulator' u dan is-simulatur gie operat mill-konvenut l-iehor Adrian Montanaro.

Wara xi tlett sighat li l-vettura ta' Mark Pirotta thadmet fuq is-simulatur giet innotat shana zejda fil-magna li giet immarkata fuq it-'temperature gage' tal-istess vettura u ghalhekk l-attur Mark Micallef u s-sid Mark Pirotta gibdu l-attenzjoni tal-operatur Adrian Montanaro dan insista li jkompli ghaddej bid-dynomiter test b'rizultat li l-vettura garbet hsarat serji illi gew irreparati ghas-spejjes ta' l-attur Mark Micallef ghand min kienet fdata l-vettura.

Mill-provi prodotti jirrizulta definittivament illi l-hsara li garbet fil-vettura ta' Mark Pirotta kienet giet ikkawzata fil-waqt illi din kienet qieghdha tigi operata fuq in dynomiter test izda mid-deposizzjoni biss ma setghax jigi istabbilit jekk il-kawza ta' din il-hsara kienx xi difett fl-apparat illi gie pprovdut mill-kumpanija Chas Auto Limited jew kienx difett digia esistenti fuq il-vettura ta' Mark Pirotta/ Adrian Montanaro jew jekk kienx assolutament operat hazin tal-impjegat Adran Montanaro.

Ghalhekk gie nominat bhala perit tekniku Joseph Zammit illi pprezenta r-relazzjoni tieghu fis-27 ta' Lulju tas-sena 2001 u giet debitament ikkonfermata bil-gurament fil-5 ta' Dicembru tas-sena 2001.

Minn din ir-relazzjoni jirrizulta stabbilit illi l-apparat provdut mill-kumpanija Chas Auto Limited ossia r-'Road Drive Simulator' ma kellu ebda difett u kull ma jipprovdi dan l-apparatt huwa l-facilita' illi karozza tithaddem go garaxx bl-istess mod li tkun qed tithaddem fit-triq.

Inoltre jipprovdi wkoll fan b'sahhita biex iservi ghall-'cooling' tal-magna bhalma jkun il-kaz tar-rih meta l-magna tkun qed tinsaq fit-triq. Mill-istess relazzjoni teknika jirrizulta illi dan il-fan kien ukoll qieghed jahdem regolarment u ghalhekk l-apparat kollhu pprovdut mill-kumpanija Chas Auto Limited b'ebda mod ma kien il-kawza ghall-hsara fuq il-vettura ta' Mark Pirotta.

Dak li pero jallega l-attur huwa illi l-kawza tal-hsara kienet l-insistenza tal-impjegat tal-kumpanija konvenuta Adrian Montanaro li jibqa jhaddem il-magna tal-vettura ta' Mark Pirotta nonostante l-indikazzjonijiet ta' perikolu li setgha jara mill-arlogg tal-istess vettura.

Gie stabbilit mill-provi illi waqt li kienet qed tigi imhadma l-vettura fuq id-dynomitor pprovdut, gol-vettura kien hemm Adrian Montanaro

qieghed jopera il-magna tal-vettura u l-attur Mark Micallef illi kien qieghed jghamel l-analizi tat-testijiet skond id-data li kien qed itigh il-komputor tieghu stess.

Evidentement il-persuna li kienet fil-kontroll f'ta' dan it-test kien esklussivament Mark Micallef, peress illi Adrian Montanaro, l-impjegat tal-kumpanija Chas Auto Limited setgha biss jagixxi taht l-istruzzjonijiet ta' dana Mark Micallef illi hu kien jaf x'testijiet qed jghamel u kien hu wkoll li kien jghati l-ordnijiet lil Adrian Montanaro dwar b'liema mod kellu tithaddem il-vettura ta' Mark Pirotta.

Ghalhekk kieku ma kienx ghall-allegazzjonijiet ta' Mark Pirotta u Mark Micallef illi Adrian Montanaro injora kompletament l-ordnijiet li nghata minnhom it-tnejn biex jitfi l-magna tal-vettura soggetta ghat-test, l-istess Adrian Montanaro ma setgha qatt jinstab responsabbli ghall- kwalunkwe hsara li setghet zviluppat fuq l-istess vettura.

Hawnhekk ghandhu jinghat ukoll illi l-hsara illi giet ikkawzata fuq il-vettura ghanda l-origini taghha fuq difett li digia kien prezenti fil-vettura qabel ma ttihdet ghat-test billi ma tirrizulta ebda prova illi din il-vettura thadmet b'xi mod abnormali li ma kienx intiz ghaliha fiz-zmien li ghamlet ghand il-konvenuti.

Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda xi responsabbilita' tal-konvenuti Chas Auto Limited jirrizulta illi din il-kumpanija ma ghandha ebda

responsabbilta ghal- hsarat in kwistjoni billi l-apparat illi hija pprovdiet kien ezenti minn kwalunkwe difett kien hadem regolarment matul it-test kollu, l-impjegat illi pprovdiet **biex jidhlu** istruzzjonijiet minghand il-klijent jekk jirrifjuta illi jghamel dak ordnat ma kienx qieghed jagixxi fl-ambitu tal-kondizzjonijiet tal-impieg tieghu u fi kwalunkwe kaz l-istess attur ezonera lill-kumpanija Chas Auto Limited mir-responsabbilta' kif jirrizulta mill-avviz fuq l-invoice minnhu spedita u minnhu accettata. Infatti l-istess attur b'ebda mod ma jikkontesta dak li ssostni Anna Bonnici dwar l-ezigenza tal-konvenuti li jigu mizmuma ezenti minn kull responsabbilta' meta jipprovdu d-dynometer test.

Dwar ir-responsabbilta tal-konvenut l-iehor Adrian Montanaro jirizulta definitivament illi huwa responsabbli kemm minhabba l-fatt illi huwa ghazel illi ma jikkontestax it-talba tal-attur kif ukoll mill-fatt illi ma deherx biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjon, kif ukoll mill-provi prodotti illi huwa kien hu illi injora b'ordnijiet tas-sid Mark Pirotta u tal-attur Mark Micallef biex huwa jitfi l-magna tal-vettura meta giet riskontrata shana eccessiva lill-magna.

Pero kif sewwa ikkonkluda l-perit tekniku w ikkonferma anke fid-deposizzjoni tieghu tal-5 ta' Dicembru tas-sena 2001, l-attur Mark Micallef, li kien effettivament hu li kien qieghed jidderigi t-test u kien ukoll qieghed janalizza l-mod kif kienet qed topera l-magna ta' Mark Pirotta kien effettivament hu l-persuna li kellu l-kontroll tal-vettura

f'idejh u ghalhekk kellu ikun iktar insistenti ma Adrian Montanaro meta dan injora l-ewwel sinjali ta' perikolu li kienu qed juru il-gages tal-vettura.

Fuq kollox it-test ghand il-konvenuti kien qieghed isir bhala verifika ta' rizultat tal-modifikazzjonijiet illi kien ghamel l-attur stess fuq il-vettura ta' Mark Pirotta, u ghalhekk l-attur kien missu kien iktar ippreparat biex immedjatament jiehu l-passi necessarji meta jigi riskontrat xi funzjonament hazin fil-magni li jimmodifika.

Ghaldaqstant ghalkemm l-Qorti issib illi l-konvenut, Adrian Montanaro huwa responsabbli ghal hsarat li gew ikkawzati fil-vettura ta' Mark Pirotta issib illi dan ma kienx responsabbli wahdu esklussivament izda l-attur Mark Micallef ikkontribwixxa wkoll ghall-hsara rizultanti w il-Qorti ghalhekk qieghdha taqsam din ir-responsabbilta b'nofs kull wiehed bejn l-attur Mark Micallef u l-konvenut Adrian Montanaro.

Billi l-hsarat ammontaw ghal somma ta' Lm655.54 (sitt mija hamsa u hamsin liri Maltin u erba' u hamsin centezmi), il-Qorti ghalhekk, qieghdha tikkundanna lill-konvenut Adrian Montanaro sabiex ihallas lill-attur Mark Micallef nofs ta' din is-somma fl-ammont ta' Lm327.77 (tlett mija seba u ghoxrin liri Maltin u seba u sebghin centezmi). Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-lum.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu bin-nofs bejn l-attur Mark Micallef u l-konvenut Adrian Montanaro.

Magt Dr D Montebello B A LLD

A. Farrugia

Dep.Reg. Civil 34